Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)

Illum, 4 ta' Mejju, 2017

Il-Pulizija
(Spettur Chantelle Casha)
(Spettur Spiridione Zammit)

-vs-

Grazio Calleja, detenur tal-karta ta' l-identita` numru 104468M; u

Anthony Cutajar, detenur tal-karta ta' l-identita` numru 518270(M)

Kumpilazzjoni Nru. 603/2016

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Grazio Calleja u Anthony Cutajar ċioè talli:

> B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'resuluzjoni wahda u cioe`:
>
> > Fil-15 ta' Novembru, 2016, bejn il-10am u is-2.30pm minn gewwa Gnien Mark Farrugia li jinsab fi Triq is-Sardinja, Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-Gzejjer ikkommettew serq tal-bust u/jew oggett iehor [kommemorattiv ta' PC525 Mark Farrugia] li l-valur tieghu jeccedi elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu €2329.37, ghad-detriment ta

sidu, tal-Kunsill Lokali Hal-Tarxien u/jew Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz valur, u lok.

F'Malta xjentament laqgħu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor li jkun, indahhlu biex ibighuhom jew imexxuhom.

Gewwa Tal-'Pikles Scrap Yard' li tinsab fit-Triq id-Dejma Fgura u/jew f'dawn il-Gzejjer f'xi hinijiet fis-7 ta' Settembru, 2016, ikkommettew serq ta' tnax-il romblu tal-foil u/jew oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi l-€232.94 izda ma jeccedix l-€2,329.37 ghad-detriment ta' Christina Attard u jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur.

Fl-istess cirkustanzi bi hsara tas-sid, ghamlu vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' Christina Attard u/jew ta' persuni ohra.

Irrendew ruhhom recidivi ghal sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta li ma jistghux jigu mibdula.

Fil-konfront tal-imputat Grazio Galleja wahdu talli:

Fid-9 ta' Novembru 2016 ghall-habta tan 12.30pm [nofs sigha ta' wara nofsinhar] u/jew hinijiet wara gewwa 'Tal-Pikles Scrap Yard' li tinsab fit-Triq id-Dejma Fgura u/jew f'dawn il-Gzejjer bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt ta' serq ta' cables u/jew oggetti ohra liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun aggravat bil-mezz, u lok u kien ikun ghad-detriment ta' Christina Attard u/jew persuni ohra.

Fl-istess cirkustanzi bi hsara tas-sid, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' Christina Attard u/jew ta' persuni ohra.

Kiser il provvediment tal artikolu 7 tal-Kap 446 moghti lilu mill-Qrati tal-Magistrati Malta [Dr N.Galea.Sciberras LL.D.]

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2017, il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-valur tal-bust imsemmi fl-ewwel imputazzjoni ma jissuperax l-€2,300 kif ukoll, fis-seduta tas-26 t'April, 2017, li l-aggravju tal-lok ma jirrizultax.

Rat li waqt l-udjenzi tal-10 t'April, 2017, u dik tas-26 t'April, 2017, mizmuma minn din il-Qorti, Anthony Cutajar u Grazio Calleja rispettivament, ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi t-tieni imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsabu akkuzati bihom l-imputati, il-fatt li dawn saru sabiex jiffinanzjaw l-vizzju tad-droga li ilhom ghal zmien twil mahkuma minnu, tas-social inquiry reports, tal-ammissjoni taghhom u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 289, 261(b)(c), 263, 278(2), 279(a), 280(2) u 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fir-rigward ta' Grazio Calleja wahdu, wara li rat ukoll l-artikoli 41(a) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u tikkundanna lil Grazio Calleja ghal **4 snin prigunerija** u lil Anthony Cutajar ghal **tlett snin prigunerija.**

Illi Grazio Calleja, ammetta ukoll li kien kiser il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat mill-Onor. Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras. Ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata u din il-Qorti qed titratta mal-imputat kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant wara li rat it-Taqsima III, IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a)(b), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939)(Legislazzjoni Sussidjarja 101.02.), tikkundannah ghal perjodu ulterjuri ta' **sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500)**

Fl-ahharnett a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghataw l-ghajnuna kollha mehtiega biex jeghlbu l-vizzji li wassluhom ghal dawn il-proceduri.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**